MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-23 ta' April, 2008

Avviz Numru. 212/2004

**Pierre Balzan**

**Vs**

**Direttur tat-Telegrafija minghajr Fili**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors prezentat mir-rikorrenti fejn espona s-segwenti:-

“Illi huwa jinsab notifikat b’dikjarazzjoni mahlufa mid-Direttur tat-Telgrafija minghajr Fili fit-tlettax (13) ta’ Frar 2004 u annessa m’ittra ufficcjali datata tlieta w ghoxrin (23) ta’ Frar 2004, prezentata fil-konfront tieghu skond l-artikolu 466 tal-Kapitolu 12 ta’ l-Ligijiet ta’ Malta, fejn gie interpellat ghall-hlas favur l-interpellant ta’ Lm801.55 oltre LM11.50 spejjez ta’ l-istess att, dan kollu ghar-ragunijiet hemmhekk imsemmija (ara dok. A u B anness).

Illi bil-prezenti u skond l-Artikolu 466(1) ta’ l-istess Kap 12, ir-rikorrent qed jopponi t-talba li saritlu, u dan ghas-segwenti ragunijiet:

(a) Preliminarjament, l-att gudizzjarju datat tlieta w ghoxrin (23) ta’ Frar 2004 u prezentat fil-konfront tieghu huwa null peress li skond l-artikolu 174(2) (c) ta’ l-istess Kap 12, kull talba gudizzjarja ghandha tkun fiha ndikazzjoni shiha u cara tal-indirizz tal-persuna li qed taghmel it-talba u tal-avukat jew prokuratur legali taghha mentri dawn il-hwejjeg huma nieqsa f’dan il-kaz.

(b) Preliminarjament ukoll, inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet ghall-hlas ta’ licenzja penali u spejjez legali li jkopru l-perjodu mit-tletin t’Awissu 1990 sas-sebgha w ghoxrin (27) ta’ Frar 1999 huma preskritti skond l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili Kap 16 ta’ l-Ligijiet ta’ Malta.

(c) Preliminarjament ukoll inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fit-talba ghall-hlas ta’ penali ta’ LM230 ma gewx indikati l-provedimenti spcifici ta’ l-Kap 49 tal-Ligijiet ta’ Malta li allegatament ir-rikorrenti ma osservax u qatt ma jista jkun hemm kanonizazzjoni ta’ pretensjoni tant vaga bhal din.

(d) Preliminarjament ukoll inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost fit-talba ghall hlas ta’ spejjes legali ta’ Lm21,55 ma gewx indikati x’inhuma dawn l-istess spejjez u qatt ma jista jkun hemm kanonizazzjoni ta’ pretensjoni tant vaga bhal din.

(e) Fil-mertu ‘n oltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba ghall-hlas ta’ LM550 ghall-perijodu mit-tletin (30) t’Awissu 1990 sat-tletin (30) t’Awissu 2004 hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li originarjament ir-rikorrent kien gie licenzjat ghall-perijodu li kopra t-tletin (30) t’Awissu 1989 sad-disgha w ghoxrin (29) t’Awissu 1990 u wara li huwa kien ilmenta li s-sistema ma kienitx tal-kwalita pattwita l-partijiet kienu ftiehmu li l-istess licenzja tigi kancellata b’effett mit-tletin (30) t’Awissu 1990.

(f) Fil-mertu wkoll, inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba ghall-hlas ta’ penali ta’ LM230 hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li r-tikorrent dejjem osserva l-provvedimenti tal-Kap 49 ta’ Ligijiet ta’ Malta.

(g) Isegwi allura li l-ispejjez ta’ LM11.50 pretizi mir-rikorrent ma humiex dovuti.

Ghaldaqstant u skond l-Artikolu 466(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta ir-rikorrent talab li din l-Onorabbli Qorti tghogobha tiddikjara t-talba ghall-hlas li saret fil-konfront tieghu bhala wahda nfondata.”

Rat ir-risposta tal-intimat Direttur tat-Telgrafija minghajr Fili fejn espona s-segwenti:-

“1. Illi preliminarjament, l-esponent jissottometti li d-dikjarazzjoni u l-ittra ufficcjali li akkumpanjatha isegwu fedelment ir-rekwiziti tal-artikolu 499 et seq tal-Kap 12, li huwa l-istess Artikolu li jawtorizza l-hrug tal-istess dikjarazzjoni w ghalhekk l-ittra ufficcjali u d-dikjazzjoni huma validi. L-artikolu 466 jitlob li d-dikjarazzjoni jkollha fiha n-natura tad-debitu x’inhu, l-isem tad-debitur u dikjarazzjoni li d-debitu hu dovut. L-att gudizzjarju qieghed hemm biex permezz tieghu, d-dikjarazzjoni, li hija l-iktar parti important ta’ dawn l-atti, titwassal ghand id-debitur. L-istess artikolu ma jipprovdix ghan-nullita tal-atti ‘n kwistjoni w ghalhekk ma jreggix l-argument tar-rikorrent fuq in-nullita ta’ l-atti.

2. Illi lanqas l-artikolu 174 ma jipprovdi ghan-nullita f’kaz li r-rekwiziti tieghu ma jigux segwiti (haga li bl-ebda mod ma hi qed tkun ammessa). Inoltre l-esponent jissottometti, li l-hsieb tal-legislatur meta ghamel dan il-provvediment, kien li persuna jkollha facilita shiha li tiddefendi lilha nnfisha u ma tkunx mizmuma milli taghmel dan minhabba n-nuqqas t’indirizz u dettalji fl-ittra ufficcjali biex jiddefendi ruhu, kif fil-fatt ghamel.

Illi b’anologija, l-artikolu 164(2) jipprovdi li jekk minflok ikun prezentat rikors, tkun prezentata citazzjoni biex tinbeda xi procedura taht il-Kap 12, lanqas hemm ma

ssehh in-nullita tal-procedura u l-Qorti tista tawtorizza it-tibdil mehtieg. L-esponent jissottometti li l-Qorti tista tawtorizza t-tibdil mehtieg. L-esponent jissottometti li l-Qorti anke f'dan il-kaz tista tordna xi tibdil li jidhrilha xieraq.

3. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, rigward il-preskrizzjoni l-azzjoni mhix preskritta u dan ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kap 16. Fi kwalunkwe kaz l-ammont dovut sa hames snin kura mil-llum mhux preskritt.

4. Illi rigward il-mertu, l-ammont mitlub permezz tal-ittra ufficcjali u dikjarazzjoni 'n kwistjoni u li jirreferi ghal hlas ta' licenzja, penali u spejjez legali, hu dovut fl-intier tieghu, stante li ma jirrizultax li r-rikorrent qatt ghamel xi talba sabiex tkun kancellata l-licenzja tieghu. Il-licenzja thallset l-ahhar fl-1990 u minn dak in-nhar 'l hawn baqghet ma thalsitx u lanqas saret xi talba biex tkun kancellata. Ghalhekk il-hlas tal-licenzja u l-eventwali penali f'kaz ta' nuqqas ta' hlas, huma dovuti ghal kull sena li ma sarx hlas. Matul dan iz-zmien kollu, ir-rikorrent kien interpellat diversi drabi kemm b'atti gudizjarji kif ukoll b'ammont kbir ta' korrispondenza, nkluz kontijiet, biex jersaq ghall-hlas u l-korrispondenza kollha kienet tirreferi ghall-istess licenzja. Ir-rikorrent sempliciment injora dawn l-interpellazzjonijiet.

Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Ghaldaqstant l-intimat talab li din il-Qorti tghogobha tichad it-talbiet rikorrenti bl-ispejjez kontrih."

Illi nhar is-sbatax (17) ta' Frar 2005 xehed ir-rikorrent **Pierre Balzan** fejn spjega li huwa kien akkwista apparat ta' *wireless* li jghidulu *land radios* u kien ottjena licenzja ghalih minghand l-intimat. Fil-fatt ighid li kien hallas is-somma ta' mitt lira Maltin (LM100) ghall-licenzja ghall-perijodu ta' sena. Qal li ftit wara irrejalizza li dan l-apparat ma kienx ta' siwi ghalih w ghalhekk heles minnu billi ma baqax jaghmel uzu minnu u fil-fatt kien sahansitra anke nforma l-intimat bid-decizjoni tieghu, u qallu li kien ser jirritorna lura l-apparat li kien xtara lil tal-hanut. Jghid li

tal-hanut minghand min kien xtrah, accetta dan l-apparat lura. Ir-rikorrenti jistqarr li huwa nforma lill-intimat b'din id-decizjoni tieghu u kien sahansitra mela' xi dikjarazzjoni fid-dipartiment stess, izda dan nonostante baqa' jircievi l-kontijiet. Ir-rikorrenti jghid li huwa kien kiteb lid-Dipartiment kemm qabel is-sena 2001, kif ukoll wara u dan sabiex jinfurmahom li huwa ma kellux bzonn iktar din il-licenzja. Fil-fatt esebixxa kopja ta' din l-ittra li giet markata bhala Dok. PB 1. L-intimat pero qatt ma baghtlu risposta u fis-sena 2002 ir-rikorrenti reggha rcieva kont iehor li gie markat bhala Dok. PB 2. Fil-fatt, fuq dan il-kont hemm ukoll kitba tar-rikorrent li jindika li fl-ghaxra (10) ta' Gunju 2002 kien reggha ghamel referenza ghall-korrispondenza tieghu w irrepeta dak li qal viva voce, u cioe li ma kienx qed jaghmel uzu minn xi apparat tal-Wireless Telegraphy.

In kontro-ezami nhar il-hamsa w ghoxrin (25) ta' Settembru 2007 huwa kkonferma li kien hu personalment li kien jopera n-negozju tieghu u dan fil-perijodu bejn s-snin 1988 u 1989 ghaliex wara ghalqu peress li ma kienx vijabbli. Spjega li l-isem "International Sales and Services" ma kienx isem ta' xi kumpanija. Jghid li jiftakar li kien ghamel applikazzjoni sabiex jinghata licenzja sabiex jimporta, pero meta kien applika ma jiftakarx, u jekk inghata tali licenzja, lanqas ma jiftakar. Li jiftakar hu, li kien applika sabiex ikun hemm kancellament ta' licenzja. Mistoqsi jekk effettivament kienx minnu li hlas ma sarx ghal tali licenzja, r-rikorrent ighid li huwa possibli, ghaliex l-intendiment kien li din il-licenzja tigi kancellata.

Illi nhar il-hmistax (15) ta' Novembru 2007 r-rikorrent rega' xehed u qal li fis-sena 1989 kien jimporta oggetti ta' *stationery* u ma jidhirlux li kien jimporta xi oggetti tal-Wireless. Qal li l-applikazzjoni sabiex tigi kancellata l-licenzja tal-Wireless and Telegraphy, tinsab esebita a fol. 20 u 21 tal-process, li hija l-korrispondenza li ghaddiet bejniethom. Izid jghid li huwa ma lahaq importa xejn tal-Wireless salv ghal *two way radio*. Huwa kkonferma li n-numru tat-telefon tal-ufficcju tieghu li huwa 330982 waqt li l-mobile number tieghu huwa 99493706.

**Carmel Grixti,** principal fil-Ministeru prodott mill-intimat xehed nhar l-ewwel (1) ta' Gunju 2005 fejn spjega li id-Dipartiment tat-Telegrafija minghajr Fili kien gie xolt, izda l-funzjonijiet li kien jaqdi jaqghu taht id-dekasteru tieghu. Ikkonferma li r-rikorrent kien applika fis-sena 1989 ghall-licenzja sabiex jimporta apparat tat-telegrafija minghajr fili u din il-licenzja kienet inghatatlu, tant li beda jimporta. Jghid li pero ghalkemm inharget il-licenzja, r-rikorrent ma hallasx l-ispejjez fl-ammont ta' LM12. Id-dipartiment kien ghalhekk baghat ittra lir-rikorrent fejn talab li jsir hlas u r-rikorrent kien sussegwentement ghamel il-pagament mitlub u kien effettivament anke hallas l-ispejjez ta' l-ittra ufficcjali. Illi pero r-rikorrent ma regghax hallas ghas-snin ta' wara u d-dipartiment kien baghat ittra ufficcjali ohra ghall-ammont dovut sabiex tinkiser il-preskrizzjoni. Fis-sitta (6) t'April 1999, id-dipartiment rega' baghat interpellazzjoni ohra ghall-ammont ta' LM350 rapprezentanti arretrati ta' hlas ta' licenzji kif ukoll il-multi amministrattivi mpost ghad-dewmien fil-hlas. Oltre dan kien hemm min mar ukoll fir-residenza tar-rikorrent bil-kont u sab lil martu w ikkonsenjalu l-kont. Huwa fil-fatt esebixxa kopja tal-minuti mizmuma mid-dipartiment fuq din il-materja.

Huwa kkonferma li d-dipartiment kien ircieva l-ittra mibghuta mir-rikorrent, esebita a fol. 20 tal-process markata bhala Dok. PB 1 datata wuiehed w ghoxrin (21) t'Awissu 2001. Jghid li 'n segwitu huwa kien cempel ghand ir-rikorrent u tkellem ma xi hadd li kien jismu Martin u spjegalu x'kellu isir biex tigi kancellata licenzja u cioe li l-*licensee* kellu jinfurmahom x'uzu specifiku sar mill-apparat u fejn kien jinsab installat dak l-istess apparat jew kull apparat iehor li gie impurtat a bazi ta' dik l-istess licenzja. Huwa ghamel ukoll tentattivi ohra sabiex jikkomunika personalment mar-rikorrent, izda inutilment ghaliex ma irnexxilux ikellmu.

Jghid li fit-tlieta w ghoxrin (23) ta' Frar, 2004 id-dipartiment kien baghat ittra ufficcjali ulterjuri u dan a tenur tal-Artikoli 466 tal-Kap 12. Huwa jichad dak li qal ir-rikorrent u cioe li kien hallas xi mitt lira (LM100) akkont ta' xi pendenzi. Jikkonferma li huwa kien hallas biss l-erbatax-il lira

(LM14) fuq imsemmija rapprezentanti il-hlas ta' licenzja ta' l-ewwel sena u l-ispejjez legali ta' l-ewwel ittra mibghuta lilu. Jistqarr li r-rikorrent ma baghat l-ebda informazzjoni salv l-*fax*, li huwa esebixxa w ghalkemm kellu xi appuntamenti, dan ma zammhomx.

In kontro-ezami jghid li d-dokumenti li esebixxa m'humiex kopji tal-ittri ufficcjali izda konferma minghand l-Avukat Generali li qed ighid li huwa kien pprezenta ittra ufficcjali. Id-dokumenti minnu prezentati gew markati bhala Dok. CG 1 sa Dok. CG 7 rispettivament. Qal ukoll li ghalkemm id-dipartiment kien baghat ittra ufficjali, baqa' jibghat ittri ufficjali ohra sabiex jikser il-preskrizzjoni, oltre l-fatt li l-ammont dejjem baqa' jizdied.

Illi nhar l-ghoxrin (20) t'Ottubru 2005 **Carmel Grixti** riprodott mill-intimat qal li l-unici zewg ittri ufficjali li gew spediti kontra r-rikorrenti, kienu dawk datati tmintax (18) ta' Mejju 1994 u tlieta w ghoxrin (23) ta' Frar 2004 w it-tnejn li huma gew notifikati lir-rikorrenti, dawn gew mmarkati bhala Dok. CG 8 u Dok. CG 9. Huwa esebixxa bhala Dok. CG 10 prospett dettaljat li jindika dak li qed jippretendi d-dipartiment. Ikkonferma li bejn l-perijodu ta' Mejju 1994 u Frar 2004, huma kienu hargu komuniki nterpellatorji, izda r-rikorrenti ma kienx gie notifikat bihom. Rega' rrepeta li ghalkemm kellu xi appuntamenti mad-dipartiment sabiex fi kliem ir-rikorrent, jittermina dawn il-pendenzi, dawn ma zammhomx.

**Paul Farrugia** prodott mill-intimat xehed nhar l-24 ta' Mejju 2007 fejn qal li huwa kien jahdem fil-*Credit Control Unit* fid-Dipartiment tat-Telgrafija minghajr Fili u dan fis-sena 2000. Ikkonferma li huwa kien mar fid-dar tar-rikorrent u sab lil martu u wriha zewg dokumenti wara li kien infurmaha li zewgha ma kienx konformi mal-ligi u talabha tinfurmah fejn seta' jikkomunika mieghu. Jghid li hi taghtu n-numru tal-mobile li hu 0949 3706. Huwa cempillu u dan kien qallu li kien ser imur l-ufficcju sabiex jissetilja kollox, izda dan nonostante, ma marx. Imbaghad kien baghat lil Harry Spiteri sabiex jiehu passi kontra tieghu. Huwa esebixxa r-rapport li kien ghamel li gie markat bhala Dok. S.

**Doreen Davis** xehdet nhar il-21 ta' Jannar 2008, u qalet li hija tahdem fid-Dipartiment tat-Telgrafija minghajr Fili u esebiet *print out* tal-kont li kellu r-rikorrenti sa mill-bidu tal-ftuh tal-kont tieghu li gie markat bhala Dok. Z. Hija qalet li dan huwa datat sal-ghaxra (10) ta' Ottubru 2003 li kellu bilanc ta' Euro 1,867.09 ekwivalenti ghal LM780. Hija esebiet ukoll kopja tal-licenzja fejn juri l-*file number* 92389 li jappartjeni lil "International Sales and Services". Dan id-dokument gie markat bhala Dok S 1.

Illi nhar it-tlieta (3) ta' Marzu 2008 l-intimat pprezenta nota li biha irriduca t-talba tieghu ghall-ammont ta LM780 skond ix-xhieda li kienet tat Doreen Davies.

Illi nhar it-tmintax (18) ta' Marzu 2004 l-intimat pprezenta nota ohra fejn indikat diversi emendi tal-ligi li jirregolaw il-hlas ta' penali li huwa qed jitlob f'din il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Illi permezz t'ittra ufficjali mibghuta a tenur tal-artikolu 466 tal-Kap. 12, id-Dipartiment intimat talab lir-rikorrenti sabiex jhallas is-somma ta' €1,867.11 ekwivalenti ghal Lm801.55 u dan bhala hlasijiet dovuti ghar-rigward ta' licenzji, penalitajiet, u spejjez legali 'n konessjoni mal-licenzja li l-istess Dipartiment kien hareg favur tar-rikorrenti.

Jidher bic-car mill-provi illi din il-pendenza kienet ilha ghaddejja diversi snin, u fil-fatt kienu saru xi ittra ufficjali li anke gew esebiti. Wara li inharget l-ittra ufficjali datata tlieta w ghoxrin (23) ta' Frar, 2004, liema ittra giet milqugha mir-rikorrenti fis-sebgha w ghoxrin (27) ta' Frar, 2004, l-istess intimat ghadda sabiex ipprezenta r-rikors odjern.

Ir-rikorrenti jqanqal xi punti preliminari fir-rikors tieghu fosthom ***(a)*** li l-att gudizzjarju tat-tlieta w ghoxrin (23) ta' Frar, 2004 huwa null u dan peress li skond l-artikolu 174(2)(c) ta' l-istess Kap. 12, kull talba gudizzjarja ghandha jkun fiha ndikazzjoni shiha u cara ta' l-indirizz tal-persuna li qed taghmel it-talba u tal-avukat jew prokuratur

legali taghha, mentri dawn il-hwejjeg huma nieqsa f'dan il-kaz; ***(b)*** li t-talbiet ghal hlas ta' licenzja, penali u spejjez legali li jkopru l-perjodu mit-tletin (30) t'Awissu, 1990 sas-sebgha w ghoxrin (27) ta' Frar, 1999, huma preskritti skond l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili; ***(c)*** li fit-talba ghal hlas tas-somma ta' Lm230 bhala penali, ma gewx indikati l-provvedimenti specifici tal-Kap. 49 tal-Ligijiet ta' Malta li allegatament ir-rikorrent m'osservax, u qatt ma jista jkun hemm kanonizzazzjoni ta' pretensjoni tant vaga bhal din; u ***(d)*** fit-talba ghall-hlas ta' spejjez legali ta' Lm21.55 ma gewx indikati x'inhuma dawn l-istess spejjez, u qatt ma jista jkun hemm kanonizzazzjoni ta' pretensjoni tant vaga bhal din.

Fir-rigward ta' l-ewwel punt imqanqal u cioe li ma gewx osservati d-dettami ta' l-artikolu 174(2)(c) tal-Kap. 12, jinghad li r-rikorrenti m'ghandux ragun meta jghid li dan l-att gudizzjarju huwa null. Huwa minnu li m'hemmx indikat l-indirizz tal-intimat fl-imsemmija ittra ufficjali, izda dan zgur li ma jwassalx ghal xi nullita. L-iskop ta' dan l-artikolu tal-ligi huwa, li taghti lill-parti li tircievi l-att gudizzjarju, l-opportunita sabiex, jekk tkun trid tirrispondi, hija tkun taf fejn ghandha tibghat tali att. Zgur li jekk ma jkunx hemm indirizz tal-individwu li jispedixxi att gudizzjarju, dan ma jaghmilx tali att null. Fi kwalunkwe kaz, kienu l-addetti tar-Registru tal-Qorti li ma hadux hsieb li jaraw li meta giet ipprezentata l-ittra ufficcjali, jkun hemm id-dettalji rikjesti mill-ligi. Ghalhekk dan l-ewwel ilment qieghed jigi michud.

It-tieni punt preliminari mqanqal mir-rikorrent, huwa li t-talba ghal hlas ta' licenzja, penali u spejjez legali li jkopru l-perjodu mit-tletin (30) t'Awissu, 1990 sas-sebgha w ghoxrin (27) ta' Frar, 1999, huma preskritti skond l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili. Jirrizulta mill-provi, li l-unika ittra ufficcjali li giet notifikata, oltre dik spedita fit-tlieta w ghoxrin (23) ta' Frar, 2004, kienet dik tat-tmintax (18) ta' Mejju, 1994. Din l-ahhar ittra ufficcjali giet notifikata fl-erbgha w ghoxrin (24) ta' Mejju, 1994. Fis-sitta (6) ta' Mejju, 1999 giet intavolata ittra ufficjali ohra a tenur ta' l-artikolu 466 tal-Kap. 12, pero skond ma jirrizulta, din l-ittra ufficjali qatt ma giet notifikata lir-rikorrenti. Anke minn qari

tax-xhieda prodotta, m'hemm xejn x'jindika b'mod car li r-rikorrenti kien accetta li kellu jaghti xi hlasijiet lid-Dipartiment. Huwa minnu li Paul Farrugia, li kien jahdem fil-Credit Control Unit tad-Dipartiment stqarr li r-rikorrenti kien qallu li kien sejjer ihallas, pero l-Qorti mhix konvinta li din hija bizzejjed sabiex tistabilixxi x'kellu jhallas u ma jhallasx r-rikorrenti w ghal liema perjodu kien qieghed jirreferi u cioe jekk kienx qieghed jghid li kien ser jhallas ta' kollox jew ghal dik is-sena li fiha sar dan id-diskors. Meta tela' jixhed ir-rikorrent, hadd ma stqasieh jekk huwa kellux jaghti, jew inkella jekk kienx qal dan id-diskors riportat minn Paul Farrugia. Ghalhekk il-Qorti hija sodisfatta li verament japplika l-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghar-rigward tal-kont in kwistjoni sas-sebgha w ghoxrin (27) ta' Frar, 1999.

Mill-provi jirrizulta, li l-hlas tal-licenzja kienet tkun dovuta kull l-ahhar t'Awissu. B'hekk, jigi li r-rikorrenti ghad fadallu jaghti lill-intimat, il-hlasijiet minn Awissu, 2000 sa Awissu, 2001 u cioe ta' sentejn. Il-licenzja pagabbli hija dik ta' €116.47, ekwivalenti ghal Lm50 fis-sena. L-intimat qieghed jitlob il-hlas tal-licenzja anke wara d-data ta' meta r-rikorrenti kien baghatlu ittra fejn infurmah li huwa ried jikkancella tali licenzja. Din l-ittra, esebita a fol. 20 iggib id-data tal-wiehed w ghoxrin (21) t'Awissu, 2001. L-intimat jghid li dan mhux il-mod kif tikkancella l-licenzja, izda riedet tigi segwita procedura shiha. Il-Qorti tirrileva li min imkien mill-provi ma jirrizulta li l-intimat spjega x'kellu jaghmel r-rikorrenti u xi procedura riedet tigi segwita. Kull ma jirrizulta mill-atti, hija l-ittra msemmija tal-wiehed w ghoxrin (21) t'Awissu, 2001 u l-ebda risposta ghaliha. Ghalhekk il-Qorti qeghda tiddeciedi li kull pagament wara li giet ricevuta din l-ittra mill-intimat, ma huwiex dovut u dan stante li kienet l-intenzjoni cara tar-rikorrent li ma riedx li din il-licenzja terga tiggedded. Ir-rikorrent jghid ukoll li huwa kien informa lill-intimat qabel din id-data sabiex din il-licenzja ma tiggeddiedx, pero prova ta' dan m'hemmx.

It-tielet punt preliminari mqanqal mir-rikorrenti huwa li fit-talba ghal hlas tas-somma ta' Lm230 bhala penali ma gewx indikati l-provvedimenti specifici tal-Kap. 49 tal-

Ligijiet ta’ Malta li allegatament ir-rikorrent ma osservax, u qatt ma jista jkun hemm kanonizzazzjoni ta’ pretensjoni tant vaga bhal din. Il-Qorti ma taqbilx ma din is-sottomissjoni u dan peress li d-disposizzjoni tal-Ligi tinsab fil-Kapitolu 49 tal-Ligijiet ta’ Malta. Pero, l-Qorti mhix tal-fehma li l-intimat jista jitlob dan il-hlas permezz ta’ din il-procedura u dan peress li dan il-hlas huwa wiehed fakoltattiv ghal persuna li jkun naqas li jhallas il-licenzja. L-intimat semmai, jekk jara li r-rikorrent ma jridx ihallas din il-multa amministrattiva, missu ipproceda quddiem il-Qorti tal-Magistrati fil-gurisdizzjoni kriminali taghha. Ghalhekk lanqas dan l-ammont ta’ penali ma huwa dovut.

Ir-raba punt preliminari mqanqal mir-rikorrent huwa li fit-talba ghall-hlas ta’ spejjez legali ta’ Lm21.55 ma gewx indikati x’inhuma dawn l-istess spejjez, u qatt ma jista jkun hemm kanonizzazzjoni ta’ pretensjoni tant vaga bhal din. Il-Qorti ma taqbilx ma din is-sottomissjoni. Jirrizulta bl-aktar mod car li dawn huma spejjez li saru mill-intimat sabiex jkun jista jipprocedi gudizzjarjament kontra l-intimat u allura huma dovuti.

**GHALDAQSTANT il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li tiddikjara li l-pretensjonijiet avvanzati mill-intimat Direttur tat-Telegrafija minghajr Fili fl-ittra tieghu tat-tlieta w ghoxrin (23) ta’ Frar, 2004 fejn dawn jirrigwardaw il-perjodu bejn it-tletin (30) t’Awissu, 1990 u s-sebgha w ghoxrin (27) ta’ Frar, 1999 huma perenti a tenur ta’ l-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiddikjara li l-pretensjoni tad-Direttur intimat hija ippruvata ghal hlas fl-ammont ta’ mitejn tnejn u tletin Ewro u sebgha u erbghin Ewro centezmi (€232.94) ekwivalenti ghal mitt lira Maltin (Lm100) u dan bhala hlas ta’ licenzji ghall-Awissu, 2000 u ghall-Awissu, 2001 u tichad il-kumplament ta’ l-istess pretensjonijiet kif minnu avvanzati.**

**B’riserva ghall kull dritt spettanti lill-intimat Direttur tat-Telegrafija minghajr Fili fil-konfront tar-rikorrenti taht id-Disposizzjonijiet tal-Kapitolu 49 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati b'mod ugwali bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------